MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 8

29 ta' Jannar 2025

Minuti tas-seduta Nru. 8 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2025 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin rreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## Minuti -

1.1. Il-Kunsillier Emvin Bartolo aċċenna għall-minuta 5.7.6. **(Ref: S/3/1/Vol II)** tas-sedutua preċedenti li kienet taqra hekk:

"5.7.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li oriġinarjament il-Kunsill kien aċċetta l-proposta tal-FTS. Huwa qal ukoll li fl-istess waqt ser ikunu t-tfal Melleħin li se jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Park tal-Familja. F'dan ir-rigward il-Kunsilliera C. Castillo qalet li oriġinarjament il-Kunsill kien aċċetta l-proposta, izda l-Kunsill jista' jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu speċjalment jekk l-FTS tista' tikkunsidra alternatttivi oħra.

1.2. Il-Kunsillier Emvin Bartolo talab li jiġi ċċarat il-fatt li l-Kunsill qatt ma kien aċċetta l-proposta tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada jiġifieri li tiġi segregata parti mill-Park tal-Familja sakemm tinbena mill-ġdid l-iskola tal-Mellieħa, iżda l-Kunsill ikkunsidra din bħala waħda mill-proposti. Fil-fatt il-Kunsill kien anke ikkunsidra u ppropona siti oħra bħala alternattiva fosthom l-area madwar il-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun.

## Intervent minn Residenti li joqogħdu l-Manikata dwar l-introduzzjoni ta' Pedestrian Crossing fi Triq il-Mejjiesa (T/3/2/Vol XVII)

Fl-ewwel parti tas-seduta sar intervent mis-Sinjuri Josianne Dimech, Mary Micallef, Georgette Pace u Fabian Pace wara li saret talba lill-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jattendu għas-seduta tal-Kunsill.

Is-Sindku G. Micallef tahom merħba u talabhom jindirizzaw il-ħsibijiet tagħhom.

Dawn ir-residenti lmentaw li ma jaqblux li ssir pedestrian crossing fil-post fejn qed jiġi ndikat fi Triq il-Mejjiesa għal diversi raġunijiet.

Is-Sur F. Pace qal li kemm-il darba ssir il-pedestrian crossing fi Triq il-Mejjiesa kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima, huwa mhux ser ikun jista' joħroġ vetturi kollettibbli li huwa għandu fil-garaxx peress li huma kbar u mhux ser ikun jista' jdur.

Is-Sinjura G. Pace qalet li fejn hu propost li ssir il-pedestrian crossing jieqaf tat-trakk tal-gass, jieqaf l-iscammel kif ukoll jieqfu tliet coaches li jgħabbu t-tfal tal-iskola minn hemm. Barra minn hekk hija lmentat li ħadd ma kien jaf bl-introduzzjoni ta' dawn iz-zebra crossings.

Is-Sinjura J. Dimech qalet li l-issue fi Triq il-Mejjiesa huwa l-over speeding u m'hemmx bżonn ta' pedestrian crossing hemmhekk. Inkella, hija ssuġġerit li ssir pedestrian crossing f'nofs Triq il-Mejjiesa.

Is-Sinjura M. Micallef qalet li bil-pedestrian crossing fejn hemm il-ħsieb li ssir, hija ma tkunx tista' tipparkja l-vettura tagħha quddiem id-dar ta' ommha meta żżurha.

Is-Sindku G. Micallef qal li l-applikazzjonijiet biex isiru erba' zebra crossings fil-Manikata kien ilhom li saru. Huwa qal ukoll li dawn qed isiru wara li ġew approvati minn Transport Malta u qed isiru skond il-kundizzjonijiet stipulati minn Transport Malta. Huwa enfasizza wkoll il-fatt li dawn qed isiru wara talba u pressjoni minn numru sostanzjali ta' residenti li joqogħdu l-Manikata kif ukoll mill-Manikata Residents' Association.

Is-Sindku kompla jgħid li bl-introduzzjoni ta' pedestrian crossings, awtomatikament is-sewwieqa ser inaqqsu l-veloċità tas-sewqan u dan speċjalment fi Triq il-Mejjiesa li llum il-ġurnata saret qisha triq ewlenija.

Dwar li r-residenti ma kinux jafu bl-introduzzjoni ta' dawn iz-zebra crossings, is-Sindku wieġed li f'Novembru li għadda kienet saret laqgħa għar-residenti tal-Manikata u dakinhar kien tħabbar li ser isiru erba' zebra crossings fil-Manikata.

Dwar il-post indikat fi Triq il-Mejjiesa fejn ser issir iz-zebra crossing, is-Sindku qal li wara li sema' l-concern tar-residenti meta kien fuq żjara fuq il-post, u wara konsultazzjoni ma' TM, sar tibdil tal-post oriġinali u issa z-zebra crossing ser issir fit-tarf ta' Triq il-Mejjiesa kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima. Fil-fatt il-build out ser issir kif iddur għal Triq il-Knisja l-Qadima għaldaqstant ma jarax kif hawnhekk tista' taffettwa lir-residenti.

Dwar l-ilment tas-Sinjura Maria Micallef, is-Sindku qal li hemmhekk diġa' mhux suppost li jsir parking ta' vetturi peress li hemm double yellow line mal-art.

Fl-aħħarnett, is-Sindku qal li l-Kunsill ħa nota tal-kummenti tar-residenti u ser issir analiżi tagħhom iżda l-Kunsill irid isegwi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn TM.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett ta' Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)

2.1.2. Is-Sindku għarraf li fir-rigward tal-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata, ser jiskatta l-proċess billi ser issir laqgħa mal-Inġinier u l-kuntrattur tad-dawl fuq il-post sabiex jiġu ddentifikati x-xogħlijiet neċessarji li jridu jsiru.

2.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li peress li l-proċess biex jinbidel id-dawl ta' madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata jieħu fit-tul, u peress li fi Frar il-Knisja Parrokkjali se tiċċelebra għeluq il-ħamsin sena anniversarju tagħha, tkun ħaġa f'lokha jekk il-Kunsill jieħu ħsieb li tiġi iċċekkjata s-sistema eżistenti tad-dawl biex possibiliment għal matul dawn il-festi imqarr tinxtegħel parti minnha.

2.1.4. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u ttieħdet nota tiegħu.

**2.2.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)**

2.2.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna qal li l-Kunsill talab stima lil Central Asphalt Limited sabiex isir ix-xogħol ta' scarifying tat-toroq imsemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti. Is-Sindku G. Micallef ippreżenta l-istima ta' Central Asphalt Ltd u l-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jibda mill-aktar fis biex jiġi eliminat il-periklu eżistenti fit-toroq imsemmija.

2.2.3. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li l-ewwel jistgħu jsiru dawk it-toroq li jistgħu jsiru mingħajr xkiel u warajhom dawk iktar ikkumplikati peress li minnhom jgħaddi t-traffiku b'mod kontinwu u jkun irid isir pjan tajjeb għal waqt li jkun qed isir ix-xogħol.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Il-Book Box fil-Park tal-Familja (L/4/Vol IV)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanina infurmat lill-membri preżenti li Ms Clare Jackson - il-persuna li tieħu ħsieb il-book box fil-Park tal-Familja, żaret id-dressing rooms fl-istess park iżda sfortunatament ma sabitx li dawn il-kmamar huma adattati għaliha biex iżżomm il-kotba fihom. Għal dan il-għan, il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li Ms Clare Jackson tmur tara l-irziezet ta' Selmum bħala alternattiva.

2.3.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet ukoll dwar is-cctv cameras li hemm fil-Park tal-Familja peress li Ms Jackon kienet tal-opinjoni li jekk il-cameras ikunu jaħdmu, dan forsi jista' jgħin sabiex ma jinsterqux aktar kotba mill-book box. Is-Sindku G. Micallef qal li l-armoured cable neċessarju sabiex isiru t-tiswijiet neċessarju fuq is-cctv cameras ġie ordnat u x-xogħlijiet meħtieġa jkunu jistgħu jsiru appena dan ikun delivered.

2.3.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li meta jibda l-proġett tal-iskola primarja u l-Park tal-Familja jibda jintuża għal dan il-għan, il-book box eżistenti tista' titpoġġa temporanjament fi Ġnien Dun Anton Debono.

2.3.5. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex possibiliment jinxtaw aktar book boxes li jkunu jistgħu jitpoġġew f'ġonna oħra. S'issa kienet waslet kwotazzjoni waħda biss u huwa ppreżentaha lill-Kunsill. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kwotazzjoni kienet għolja ħafna u l-Kunsill għandu jkompli jesplora x'hawn aktar fis-suq.

2.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef qal li għal-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità li saret fis-7 ta' Jannar 2025, attendew flimkien miegħu l-Kunsillier E. Bartolo, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ms M. Gambin u s-Surġent Ivan Mifsud f'isem il-Pulizija tal-Komunità.

2.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal li din l-ewwel laqgħa mas-Surġent I. Mifsud kienet interessanti ħafna u tqajjmu diversi punti importanti fosthom kemm is-Surġent I. Mifsud jemmen li l-Pulizija tal-Komunità x-xogħol tagħhom għandu jkun ikkonċentrat biex ikunu qrib il-membri kollha tal-komunità. Fil-fatt kienu diversi l-inizjattivi li bħala Pulizija tal-Komunità ssieħbu fihom f'dan l-aħħar xahar sabiex il-preżenza tagħhom fil-komunità terġa' tibda tiġi apprezzata.

2.4.4. Is-Sindku qal li bi ftehim mas-Sur I. Mifsud dawn it-tip ta' laqgħat se jibqgħu jsiru kull xahar.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Bini mill-Ġdid tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/Vol II)**

2.5.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għal-laqgħa li saret proprju illum filgħodu fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar il-proġett tal-bini mill-ġdid tal-iskola primarja tal-Mellieħa. Is-Sindku G. Micallef irringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill li attendew għal din il-laqgħa għalkemm it-tibdil li kien hemm fl-aħħar ħin.

2.5.3. Is-Sindku G. Micallef qal li kienet laqgħa li matulha deher biċ-ċar li ma jistax ikun hemm aktar dewmien sabiex dan il-proġett jinbeda, primarjament minħabba l-kundizzjoni tal-istruttura tal-binja tal-iskola – skola li ilha mibnija għal aktar minn sittin sena.

2.5.4. Is-Sindku G. Micallef qal li għaldaqstant m'għandux ikun il-Kunsill li jxekkel b'xi mod il-pjanijiet u kien għalhekk li ħa l-pożizzjoni li ħa jiġifieri li l-Park tal-Familja ser ikun is-sit li ser jintuża u fejn fih ser jitpoġġew il-pre-fabricated classrooms sakemm jitlesta l-proġett tal-bini mill-ġdid tal-iskola primarja tal-Mellieħa.

2.5.5. Is-Sindku kompla jgħid li din id-deċiżjoni ttieħed wara li l-Ministeru evalwa l-alternattivi kollha li l-Kunsill kien ressaq u li kkonferma li dawn ma kienux adattati bħala daqs, siguri bħala post u aċċesssibbli u bis-servizzi neċessarji bħalma huwa l-Park tal-Familja.

2.5.6. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-fatt li l-annex li qed tintuża fil-preżent għat-tfal tal-Kinder mhux ser tintmess u sakemm idum għaddej il-proġett il-librerija pubblika ser tkun qed toffri s-servizzi tagħha minn ġo pre-fabricated classroom li ser titpoġġa fil-parkeġġ fil-bidu ta' Triq Edward Camilleri.

2.5.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-fatt li l-istudenti li jattendu f'din l-iskola se jibqgħu fil-Mellieħa u se jimxu għal Park tal-Familja fil-bidu ta' sena skolastika, kienet ħaġa pożittiva ħafna.

2.5.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-fatt li dan il-proġett se jinkorpora fih parkeġġ li se jkun qed jesa' madwar mitejn vettura u se jkun jista' jintuża mill-komunità Melleħija, dan kapaċi jkun ta' soluzzjoni għall-problema ta' parkeġġ f'dawk in-naħat tal-Mellieħa.

2.5.9. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba l-Ministeru jikkunsidra jestendi l-parkeġġ għal taħt is-sala eżistenti, il-parkeġġ ikun jista' jieħu madwar erbgħin vettura oħra.

2.5.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tat-Tfal ser issir fl-24 ta' Frar 2025 fl-4.30p.m. Hija xtaqet tirringrazzja b'mod uffiċjali lill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club li qed jospitaw lill-Kunsill tat-Tfal sakemm jitlesta x-xogħol fuq is-sala tal-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li għal-laqgħa li saret f'Jannar 2025, attenda wkoll is-Surġent Ivan Mifsud u l-membri tal-Kunsill sabu din l-inizjattiva ferm interessanti. Għal dan il-għan, is-Sinjura Darmanin issuġġerit li sessjonijiet simili jistgħu jerġgħu jsiru fil-futur u anke jistgħu jsiru attivitajiet bħal kampanji ta' tindif u taħwil ta' siġar bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija tal-Komunità.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għall-ħarġa li saret f'Jannar 2025 attendew tlieta u għoxrin persuna li apprezzaw ferm il-programm mħejji għaliha fil-MICAS.

2.7.3. Hija ssuġġerit li l-ħarġa li jmiss issir fis-26 ta' Frar 2025 u din id-darba l-ħarġa ħa tkun tikkonsisti fi żjara f'Ħaż-Żabbar.

2.7.4. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li jsir kuntatt ma' Ms Tara Darmanin li taħdem fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi bħala lecturer mal-istudenti li jkunu qed isegwu l-kors ta' gwida turistika. Ms Darmanin offriet li l-istudenti tagħha jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom bi prezzijiet speċjali ħafna fil-ħarġiet kulturali li jorganizza l-Kunsill.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li kien hemm tibdil fid-data taż-żjara li jmiss mill-*Mobile Blood Donation Unit* fil-Mellieħa li issa se issir fid-9 ta' Frar 2025 fejn il-Park tal-Familja u fil-25 ta' Frar fejn il-Knisja tal-Manikata.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Talba għal Sigħat Imnaqqsa mis-Sinjura C. Psaila Costantino (P/7/1/Vol IX)**

2.9.2. Saret referenza għall-punt numru 5.15.1 tas-seduta preċedenti dwar talba li l-impjegata s-Sinjura Claire Psaila Costantino kienet għamlet sabiex taħdem sigħat imnaqqsa.

2.9.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi matul l-ewwel xahar ta' ħidma tas-Sinjura Claire Psaila Costantino in-numru ta' sigħat li hija kienet ħadmet kienu ta' tletin siegħa fil-ġimgħa. Dan kien ifisser żieda ta' għaxar sigħat fil-ġimgħa.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Installazzjoni ta' dwal tat-toroq ġodda f'diversi toroq (E/1/3/Vol IV)**

2.10.2. Is-Sindku G. Micallef aġġorna lill-Kunsill fuq is-suġġett billi qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Barkazza. Huwa qal li għall-ewwel kien jidher li l-lampa tista' titwaħħal ma' arblu eżistenti tal-Korporazzjoni Enemalta. Sfortunatament imbagħad dan irriżulta li mhux tal-Korporazzjoni Enemalta.

2.10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li jsir kuntatt mal-Foreman tal-Korporazzjoni Enemalta fuq id-distrett tal-Qawra li jkun jista' jikkonferma ta' min hu l-arblu.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Aġġornament dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

2.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-laqgħa mal-Perit Matthew Casha li saret fid-9 ta' Jannar 2025 attendew flimkien miegħu l-Kunsilliera J. Buttigieg, E. Bartolo u K. Buttigieg u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin. Matul din il-laqgħa, il-Perit ta spjega fid-dettal tal-items kollha fil-Bill of Quantities rivedut u sar fine tuning tagħhom. Issa jonqos li l-Perit Casha jagħtina d-dokument finali sabiex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti.

2.11.3. Is-Sindku qal ukoll li sadanittant il-Kunsill bagħat email lis-Sur Enzo Cachia, Assistant Officer – Administration fl-Awtorità tal-Ippjanar fejn talab l-ammont li l-Kunsill għandu disponibbli fid-Development Planning Fund. Fil-fatt is-Sur Cachia wieġeb li sal-aħħar ta' Ottubru 2024 l-ammont fid-Development Planning Fund assoċjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kien ta' €1,349,093.44. Fl-istess email, is-Sur Cachia qal li l-Kunsill għandu jgħaddi l-proposta tiegħu lis-sezzjoni responsabbli mid-Development Planning Fund, li tkun tista' toffri assistenza dwar kif għandha ssir l-applikazzjoni u tagħti gwida lill-Kunsill f'dan ir-rigward.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Compliance Audit fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (F/1/2/Vol X)**

2.12.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar 2025 hija attendiet għal-laqgħa introduttorja li saret online mal-awdituri li ser jagħmlu l-Compliance Audit tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

2.12.3. Hija spjegat li matul din il-laqgħa introduttorja, l-awdituri staqsew diversi domandi fosthom:

(i) Fuq in-numru ta' impjegati li għandu l-Kunsill u jekk kienx hemm membri tal-istaff matul l-2024 li ngħataw xi tip ta' progression;

(ii) Jekk il-Kunsill għandux l-uffiċċju amministrattiv tiegħu u vettura tiegħu;

(iii) Jekk il-Kunsill għandux permezz ta' devoluzzjoni proprjetajiet oħra li jamministra u jekk il-Kunsill għandux management agreements marbuta ma' dawn il-proprjetajiet;

(iv) Jekk il-Kunsill għandux ftehim ta' ġemellaġġ ma' xi belt ewropeja;

(v) Jekk il-Kunsill għandux contract manager;

(vi) Jekk il-Kunsill għandux bye-laws;

(vii) Liema kienu l-kuntratti ongoing matul is-sena 2024;

(viii) Liema software juża l-Kunsill għall-accounts tiegħu u jekk il-Kunsill għandu Fixed Assets Register; u

(ix) Liema ġonna pubbliċi għandu taħt ir-responsabilità tiegħu l-Kunsill.

2.12.4. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li hija nfurmat lill-awdituri li hija ġiet assenjata l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mit-13 ta' Jannar 2025 u fuq dan il-punt l-awdituri talbu li s-Segretarju Eżekuttiv possibiliment ikun available kemm-il darba jkollhom bżonn xi tagħrif mingħandu.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. Kuntratt MLC 1/2024 – Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

2.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi l-għamara waslet fiż-żmien stipulate iżda sfortunatament l-għamara ma waslitx skond l-ordni oriġinali. Fil-fatt waslu tnejn u tletin swivel chairs minflok tnejn u tletin conference chairs u erba' conference chairs minflok erba' swivel chairs. Dan ħa jirriżulta f'dewmien biex jiġi magħluq dan il-proġett u għaldaqstant kellha tiġi sottomessa 'Change Request Form' oħra sabiex issir talba biex id-data tal-għeluq tal-proġett tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 2025. Dan sabiex il-Kunsill ikun ċert li l-proġett ikun tlesta.

2.13.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li issa jkun jonqos biss li l-Kunsill jieħu ħsieb jordna l-purtiera/i peress li dawn ma kinux inklużi fit-tender. Għal dan il-għan, il-Kunsill qabel li għandha toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

2.13.4. Il-Kunsill E. Bartolo issuġġerixxa li l-inawgurazzjoni tas-sala tista' ssir lejn l-aħħar tax-xahar ta' Frar 2025 – ix-xahar li ġie nieqes il-mibki s-Sur Joseph Borg, dejjem jekk tilħaq tasal l-għamara l-ġdida u ssir il-purtiera/i.

2.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet dwar Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-Żoni Urbani tal-Mellieħa (W/3/Vol XI)**

3.1.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa fuq is-sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-żoni urbani tal-Mellieħa li għalqet fit-13 ta' Jannar 2025.

3.1.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi sad-data tal-għeluq, il-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni waħda mill-Malta Rangers Unit u r-rata li ngħatat kienet ta' €10.50 (VAT eskluż) għal kull siegħa għal żewġ rangers ibbażata fuq għaxar sigħat fil-ġimgħa. Hija qalet li mal-kwotażżjoni l-Malta Rangers Unit irrimarkat li jkunu jistgħu jibdew joffru s-servizzi tagħhom mill-1 ta' Marzu 2025 appena jkollhom in-numru tal-VAT f'idejhom.

3.1.4. Is-Sindku qal li dan is-servizz se jingħata għal żmien stipulat bħala prova imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jestendix is-servizz jew mod ieħor.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1 Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)**

3.2.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel talba lill-Identità Malta sabiex possibiliment uffiċjali ta' Identità Malta jiġu l-Mellieħa għal jumejn jew tlieta peress li ħafna residenti ħa tiskadilhom il-karta tal-identità f'Ġunju 2024. Hija qalet li dan l-eżerċizzju għamluh diġa' fil-passat.

3.2.3. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u talab lis-Segretarjat jagħmel it-talba lill-Identità Malta.

**3.3.1. Trattament ta' bankini li jiżolqu (D/3/1/Vol XIII)**

3.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet jekk jistax isir xi tip ta' intervent fit-taraġ ta' Triq it-Tonn peress li jiżloq.

3.3.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li bħalissa l-Kunsill kien għaddej b'eżerċizzju fejn kien qed isir trattament b'kimika apposta fuq bankini li jkunu jiżolqu ħafna. Huwa qal li dan it-taraġ jista' jiġi nkluż mal-lista tax-xogħlijiet.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk issa li Triq Joseph Grech Attard ingħatat it-tarmak, il-Kunsill jistax jintroduċi cat café mgħammar adegwament sabiex dik il-parti tat-triq fejn illum tidher mitluqa, tingħata dehra aħjar. L-istess jista' jsir f'areas simili fejn b'introduzzjoni ta' cat cafes adegwati, dawn is-siti ma jibqgħux jidhru mitluqin.

3.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa jaqbel ma' dan il-kunċett tant li fl-estimi finanzjarji 2025, il-Kunsill għandu vot għal dan il-għan, iżda wieħed irid iżomm ftit bilanċ peress li mhux kulħadd jieħu pjaċir li viċin ir-residenza tiegħu jkollu din it-tip ta' attività.

3.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal xiri ta' apparat adattat għal cat café sabiex possibiliment għalissa jsir wieħed fi Triq Joseph Grech Attard.

**3.5.1. Introduzzjoni ta' Tabelli 'Slow Cats Crossing' fi Triq Napuljun Caruana Dingli (T/3/2/Vol XVII)**

3.5.1. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk hux possibbli li jitwaħħlu tabelli 'Slow Cats Crossing' fi Triq Napuljun Caruana Dingli viċin it-taraġ fi Triq Sant'Elena għall-benefiċċju tas-sewwieqa li jgħaddu minn din it-triq.

3.5.2. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u talab li dawn it-tabelli jiddaħħlu fil-workplan.

### 3.6.1 Parkeġġ fi Triq il-Muna (T/3/2/Vol XVII)

3.6.2 Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk hux possibbli li jiġu ċċekkjati l-qisien tal-parking bays fi Triq il-Muna peress li resident qed isib diffikultà jipparkja fil-kaxxa ta' quddiem il-garaxx tiegħu.

3.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ħa nota ta' din it-talba.

### 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 26/01/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 29/12/2024 – 26/01/2025;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 29/11/2024 – 31/12/2024;
- Rendikont tad-Dħul u Ħruġ – Żjara Delegazzjoni minn Agia Napa – Novembru 2024
- Rendikont tad-Dħul u Ħruġ – Milied Mellieħi 2024
- Agenda tal-Laqgħa tal-Bord tal-Park tal-Majjistral – 04/02/2025;
- Minuti tal-Laqgħa tal-Bord tal-Park tal-Majjistral – 07/11/2024
- Agenda tal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana Numru 17
- Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana – 16/12/2024
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

### 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (M/4/1/Vol III)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kien irċieva imejl datat 25 ta' Novembru 2024 mingħand il-Mellieħa Sports Club dwar talba sabiex issir laqgħa miegħu primarjament dwar l-użu tal-Park tal-Familja minnhom bħala klabb.

5.1.3. Is-Sindku għarraf li l-laqgħa se ssir fis-6 ta' Frar 2025 fis-6.00pm.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Attività bir-Roti (A/5/3/Vol XVI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri kienu qed jaħsbu sabiex nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 2025, il-Kunsill jorganizza attività speċifikament fejn jispikka l-użu tar-roti. Il-ħsieb huwa li għal dakinhar bejn id-9.00am u l-11.00am, tingħalaq il-karreġġjata direzzjoni ħruġ mill-Mellieħa mill-bidu sa fejn tispiċċa Triq Lewis Wettinger sabiex kull min jipparteċipa jkun jista' jsuq ir-rota mingħajr xkiel.

5.2.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li s-Sibt filgħodu ħafna mit-tfal speċjalment is-subien ikunu training fil-Mellieħa Football Ground preċiżament f'dawk il-ħinijiet. Huwa qal li jekk tingħalaq dik il-karreġġjata jista' jkun li jkun hemm xi ftit inkonvenjenza għall-ġenituri li jiġu għat-tfal tagħhom meta jġibu u meta jiġu jiġbru lit-tfal tagħhom mit-training.

5.2.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li minflok Triq Lewis Wettinger tista' tintuża Triq Selmun sabiex ma tinħoloqx inkonvenjenza fi Triq Lewis Wettinger is-Sibt filgħodu.

5.2.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li minflok tingħalaq sat-tarf tagħha, Triq Lewis Wettinger tista' tingħalaq sa Triq l-Għorgħar.

5.2.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li sa Triq l-Għorgħar id-distanza tkun qasira ħafna u jekk tingħalaq Triq Selmun jista' jkun hemm inkonvenjenza għall-bdiewa li jkunu jridu jidħlu minn din it-triq.

5.2.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li tintuża t-triq fejn it-Torri l-Aħmar sabiex jiġi evitat li Triq Lewis Wettinger tingħalaq u jkun hemm sitwazzjonijiet bħalma kien hemm is-sena l-oħra meta saret attività simili.

5.2.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg iżda wieġeb li jekk tagħmel l-attività hemmhekk xorta jista' jagħti l-każ li tkun qed tagħlaq l-aċċess għall-bdiewa. Huwa jaħseb li t-triq tal-konkos li hemm fi Triq il-Mellieħa tkun aktar adattata u minnha żgur li ma jgħaddix traffiku.

5.2.9. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta u possibiliment anke jkun hemm il-kollaborazzjoni ta' Transport Malta f'din l-attività.

5.2.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Dog Walk f'Selmun (A/5/3 Vol XVI)

5.3.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li nhar it-Tnejn, 10 ta' Frar 2025 filgħodu ser tiġi organizzata mixja bil-klieb bil-kollaborazzjoni ta' Noah's Ark Animal Sanctuary. It-tluq ser ikun minn fejn il-Park tal-Familja u l-mixja ser tkun matul Triq Selmun.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Sistema ta' One-Way fi Triq in-Nases (T/3/2/Vol XVII)

5.4.2. Is-Sindku rrefera għall-email mibgħuta fit-12 ta' Jannar 2025 mis-Surġent Ivan Mifsud, dwar il-possibilità li fi Triq tas-Salib kantuniera ma' Triq in-Nases issir mini roundabout biex possibilment tipprevjeni li vetturi jsibu ruħom kważi jaħbtu head-on.

5.4.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk issir mini roundabout jista' jagħti l-każ li biex ikun hemm turning point tajjeb, ikun hemm il-bżonn li jitneħħew xi parking bays.

5.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa aktar jikkunsidra li Triq in-Nases issir one way jiġifieri tkun ħruġ biss fejn il-Maypole Bakery. Huwa żied li ma din il-one-way, wieħed jista' jikkunsidra wkoll li ssir one-way il-layby ta' quddiem il-Wellbees Supermarket minn fejn Triq il-Fortizza u one-way oħra fi Triq in-Nases minn Triq il-Fortizza.

5.4.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li hekk minn ġej minn Triq tas-Salib u jrid imur Triq Ħalq iċ-Ċawl irid jgħaddi mil-layby ta' quddiem il-Wellbees Supermarket.

5.4.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li b'dawn it-tliet one-ways min nieżel minn Triq tas-Salib ħa jibda jsib żewġ one-ways u jkun jista' biss jew joħroġ minn fejn il-Maypole Bakery jew jgħaddi mil-layby ta' quddiem il-Wellbees Supermarket.

5.4.7. Is-Sindku G. Micallef qal li jkun aħjar jekk il-Kunsill iressaq din il-materja quddiem Transport Malta u wieħed jistenna x'se tkun l-opinjoni ta' Transport Malta.

5.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija quddiem McSims Pastizzeria fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara li saret spezzjoni fuq il-post, irriżulta li f'din il-parti ta' Triq il-Kbira hemm aktar minn ħames stabbilimenti kummerċjali u fil-fatt hemm disgħa. Huwa kompla billi qal li l-unika un/loading bay tinsab quddiem id-Dingli Butcher li jinsab in-naħa l-oħra ta' Triq il-Kbira. Għal dan il-għan huwa ssuġġerixxa li għandha ssir talba lil Traffic Management Division sabiex tiġi introdotta un/loading bay viċin l-istabbiliment Tal-Lira u tkun ristretta biss bejn id-9.00am u s-1.00pm.

5.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-un/loading bay tista' ssir fid-daħla fejn l-istabbiliment Art and Beauty biex jiġi evitat double parking.

5.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li ssir it-talba lit-Traffic Management Division biex jagħtuna l-parir tagħhom.

5.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Ħatra ta' Contract Manager – Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 11 ta' Jannar 2025 mibgħut minn Project Green fejn il-Kunsill intalab jinnomina Contract Manager biex isegwi x-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett min-naħa tal-Kunsill.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lill-Kunsillier E. Bartolo bħala Contract Manager.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li Project Green għandhom jiġu infurmati b'din in-nomina.

**5.7.1 Żjara minn delegazzjoni minn Agia Napa fil-Mellieħa (K/1/5/4)**

5.7.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin ippreżentat ir-rendikont tal-ispejjeż u d-dħul li kien hemm marbuta ma' din iż-żjara għall-benefiċċju tal-membri preżenti.

5.7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo xtaq jirrimarka li l-proprjetarji tal-istabbiliment Gems, issussidjaw parti sostanzjali mill-ikla li saret fl-istabbiliment tagħhom dakinhar wara ċ-ċerimonja li fakkret il-ħmistax -il sena anniversarju mill-iffirmar ta' ftehim bejn il-Mellieħa u Agia Napa.

5.7.4. Il-Kunsill approva r-rendikont u innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Milied Mellieħi 2024 (A/5/3/6/Vol IX)**

5.8.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin ippreżentat ir-rendikont tad-dħul u tal-ħruġ ta' Milied Mellieħi 2024, għall-benefiċċju tal-membri preżenti.

5.8.3. Is-Sindku xtaq jirrimarka li kif wieħed seta' jinnota wara li tħallsu l-ispejjeż kollha kien għad fadal bilanċ ta' €2,140. Dan kien xiehda tal-impenn li sar sabiex għalkemm il-Kunsill jassigura li joffri prodott tajjeb u ta' kwalità, ħa ħsieb li jillimita ċertu spejjeż.

5.8.4. Il-Kunsill approva r-rendikont u innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Tlielaq tar-Roti (A/6/3/Vol X)**

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 9 ta' Jannar 2025 mibgħut mill-Malta Cycling Federation fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bit-tlielaq tar-roti li ser isiru għal sena oħra matul is-sena 2025.

5.9.3. Is-Sindku G. Micallef qal li ser ikun qed jikkomunika u jitkellem dwar dawn it-tlielaq mal-membri tal-Kunsill fi żmien li ġej, anke għall-fatt li jekk il-Kunsill jagħmel l-istess kundizzjonijiet li għamel is-sena li għaddiet u jtejjibhom m'għandux ikun hemm problemi biex dawn it-tlielaq isiru.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Attività b'risq Puttinu Cares fil-Park tal-Familja (A/6/3/Vol X)**

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 11 ta' Jannar 2025 dwar attività li s-Sur Jayden Scicluna jixtieq jorganizza għal sena oħra fil-Park tal-Familja nhar il-Ħadd, 6 ta' April 2025 bejn it-8.00am u l-4.00pm.

5.10.3. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u ma sab l-ebda oġġezzjoni li jingħata l-permess neċessarju.

**5.11.1 Proposta biex jiġi ppubblikat Ktejjeb dwar il-Qniepen tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/5/Vol III)**

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 26 ta' Jannar mibgħut minn Ms Tara Darmanin dwar proposta sabiex jiġi ppubblikat studju li Ms Tara Darmanin għamlet fuq il-qniepen tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa li proprju din is-sena se jaħbat il-mitt sena anniversarju mix-xiri tagħhom.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fl-opinjoni tiegħu din il-proposta għandha tiġi aċċettata u dan l-istudju għandu jiġi ppubblikat bħala parti mill-Ħannieqa Kotba Melleħin. Għal dan il-għan, huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, għandu jiskatta l-proċess sabiex isiru taħditiet aktar fid-dettal ma' Ms Tara Darmanin biex ikun jista' jingħata bidu għal dan il-proġett.

5.11.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Proposta biex tittella' Esebizzjoni ta' Ritratti Antiki (E/4)**

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef qal li f'imejl oħra ta' Ms Tara Darmanin datat 27 ta' Jannar 2025, Ms Darmanin uriet ix-xewqa li ttella' esebizzjoni ta' ritratti antiki li hija qegħda tiġbor bħala parti mill-proġett tagħha ***'The Village of Mellieħa: Bridging Past and Present'.***

5.12.3. Is-Sindku G. Micallef qal li jekk il-membri jaqblu, huwa jitlob lil Ms Tara Darmanin sabiex jikseb aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

5.12.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Kors fl-Arti tal-Iscraffito fi Treglio, fl-Italja (S/6/Vol VIII)**

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 16 ta' Jannar 2025 u mibgħut mill-Art Club 2000 dwar opportunità li sitt studenti promettenti u li qed jattendu l-kors tal-arti fl-istess klabb, kienu ser jingħataw sabiex ikomplu jibnu t-talenti tagħhom. Fil-fatt dawn is-sitt studenti se jattendu kors fl-arti tal-Iscraffito fi Treglio fl-Italja bejn it-22 u s-27 ta' April 2025. Fl-istess imejl appellaw għat-tisħib tal-Kunsill f'din l-inizjattiva.

5.13.3. Il-Kunsill laqa' it-talba fid-dawl tal-appoġġ u s-servizzi li l-Kunsill jirċievi mingħand l-Art Club 2000 fir-rigward tal-attivitajiet popolari li jiġu organizzati matul is-sena, kif ukoll il-kustodja tal-Mużew tat-Tunnara. Għaldaqstant talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-kors bil-għan li jiġi kofinanzjat sa massimu ta' €1,500. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

5.13.4. Il-Kunsill qabel ukoll li dan l-appoġġ għandu jingħata promozzjoni mill-klabb permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra ta' komunikazzjoni. Il-materjal relattiv għandu jintbagħat lill-Kunsill Lokali qabel l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, kif ukoll mal-konklużjoni tagħha.

**5.14.1 Użu tal-Uffiċċju tal-Kunsill mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (K/3/Vol III)**

5.14.2 Is-Sindku G. Micallef għarraf li ġie avviċinat mill-President tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin dwar il-possibilità li din l-għaqda tuża l-uffiċċju li kienu jużaw il-Pulizija tal-Komunità fl-uffiċċju tal-Kunsill għal-laqgħat li huma jkollhom bħala kumitat.

5.14.3. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din l-għaqda tagħmel użu minn dan l-uffiċċju.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. Inizjattiva Tħawwil ta' Siġar u Arbuxelli – Project Green (A/3/Vol IV)**

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl proprju llum mingħand Project Green dwar inizjattiva għall-Kunsilli Lokali. Fil-fatt il-Kunsilli Lokali qed jiġu mħeġġin jidentifikaw siti fejn jistgħu jitħawlu siġar u arbuxelli permezz ta' applikazzjoni li trid tasal sal-21 ta' Frar 2025. Is-siġar u l-arbuxelli ser jiġu ipprovduti minn Project Green kif ukoll it-tisqija u l-manutenzjoni tagħhom ser tkun responsabilità ta' Project Green għall-ħames snin.

5.15.3. Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex jekk ikollhom suġġerimenti fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar, jgħadduhom lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Traffic Management Ġdid fi Triq l-Erwieħ, Triq l-Inkurunazzjoni u Triq Salvinu Vella (T/3/2/Vol XVII)

5.16.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li wasal iż-żmien li l-Kunsill jindirizza l-periklu li jeżisti għas-sewwieqa fi Triq l-Erwieħ, Triq l-Inkurunazzjoni u Triq Salvinu Vella. Hija qalet li fi Triq l-Erwieħ jistgħu jsiru xi rumble strips biex il-vetturi awtomatikament inaqsu l-veloċità fis-sewqan u intalbet li ssir ukoll roundabout żgħira f'din l-intersection.

5.16.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li ċ-ċint ta' Triq l-Inkurunazzjoni huwa perikoluż ħafna baxx kif inhu. Hija ssuġġerixit li dan għandu jogħla.

5.16.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa f'April tas-sena 2015 kien ipprepara power point presentation fuq din il-problema u llum se jerġa' jippreżentaha lill-Kunsill. Is-Sur E. Bartolo qal li huwa qed jissuġġerixxi dan li ġej:

(i) Fi Triq l-Erwieħ għandhom isiru tabelli ta' "CONCEALED EXIT" u "BLACK SPOT FOR ACCIDENTS" flimkien ma' serje ta' RUMBLE STRIPS fil-karreġġjata fl-aħħar parti tat-telgħa, biex is-sewwieqa joqogħdu attenti u tinġibdilhom l-attenzjoni li qegħdin javviċinaw ħruġ perikoluż. Fuq il-hatching l-abjad, jitwaħħlu xi bollards bil-ktajjen bejniethom biex in-nies ma' jaqsmux minn hemm.

(ii) Fi Triq l-Inkurunazzjoni isiru street markings f'forma ta' footsteps ta' lewn isfar biex jindikaw rotta lill-pedestrians kif ukoll tabella ta' "NO RIGHT TURN" għas-sewwieqa u oħra għall-pedestrians "PLEASE FOLLOW FOOTSTEP PRINTS FOR CROSSING THE ROAD". Ikun konsiljabbli li ssir ride-over mini roundabout biex tagħti ndikazzjoni ċara għall-vetturi.

(iii) Fi Triq Salvinu Vella jsiru street markings f'forma ta' footsteps b'lewn isfar biex jindikaw rotta lill-pedestrians. Dawn il-markings ghandhom jindikaw ir-rotta lejn il-Pedestrian Crossing proposta fi Triq is-Santwarju u jkomplu bejn l-istess Pedestrian Crossing u jaslu saċ-Ċimiterju. Fi Triq is-Santwarju ssir Pedestrian Crossing.

5.16.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta kif issuġġerita mill-Kunsillier E. Bartolo u qabel ukoll li din għandha tintbagħat għall-konsiderazzjoni u l-opinjoni ta' Transport Malta.

5.16.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Laqgħa ma' Comune Di Cavriglia dwar Skambji ta' Żgħażagħ (K/1/5/3/Vol IV)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-4 ta' Frar 2025 fil-5.00pm ser issir laqgħa virtwali mal-Comune di Cavriglia wara li dawn talbu li jibdew il-kuntatti dwar il-possibilità li fis-sajf li ġej isiru skambji ta' żgħażagħ.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1 Kuntratt dwar Manutenzjoni ta' Bankini u Servizzi Anċillari Oħra (T/4/4/Vol II)

5.18.2. Saret referenza għall-minuta 5.26.1 tas-seduta preċedenti fejn saret aktar diskussjoni dwar dan il-kuntratt li kulma jmur aktar qed jinħass il-bżonn li l-Kunsill ikollu kuntratt ta' dan ix-xorta.

5.18.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-passat, il-Kunsill kellu dan it-tip ta' kuntratt. Sfortunatament, dan l-aħħar works orders li qed jgħaddu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qed jgħaddu minn proċess twil ta' verifikazzjoni u x-xogħol qed jaqa' lura.

5.18.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li jinħadem tender document ġdid bil-għan li jindirizza l-bżonnijiet eżistenti. Huwa kompla jgħid li bħala rati ċertament ser ikunu għola minn dawk tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

5.18.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Kuntratt dwar il-Ġonna Pubbliċi (K/6/3/Vol V)

5.19.2. Is-Sindku G. Micallef qal li jixtieq li t-tender document hekk kif ipprepata mis-Sur Carmel Debono jiġi ċċirkulat lill-Kunsilliera sabiex jarawh huma wkoll u jressqu s-suġġerimenti tagħhom li jista' jkollhom. B'hekk tkun tista' ssir aktar diskussjoni fis-seduta li jmiss.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Kuntratt dwar Servizz ta' Perit/Contracts Manager (K/6/5/1)

5.20.1. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana qed jiffinalizza l-kuntratt li ser joħroġ bħala Reġjun għal Servizz ta' Perit u qal li r-rati hekk ser ikunu aktar kompetittivi milli kieku joħroġ il-kuntratt il-Kunsill.

5.20.2. Madanakollu, is-Sindku qal li bħala Kunsill qed tinħass il-ħtieġa li jkollu Perit/Contracts Manager biex jgħin lill-Kunsill fl-operat tiegħu.

5.20.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li trid issir distinzjoni jekk il-Kunsill għandux bżonn is-servizzi ta' Perit jew Contracts Manager peress li Perit jidħol aktar fl-implimentazzjoni ta' proġetti ġodda filwaqt li Contracts Manager isegwi x-xogħol fuq kuntratti eżistenti.

5.20.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li trid issir definizzjoni tal-irwoli u l-Kunsill jidentifika dak is-servizz li għandu bżonn.

5.20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ġie infurmat li ser issir aktar diskussjoni fis-seduta li jmiss.

### 5.21.1. Remunerazzjoni dwar servizzi mogħtija waqt vacation leave u leave tal-irtirar (Wages)

5.21.2. Saret referenza għall-imejl datat 27 ta' Jannar 2025 mis-Sur Carmel Debono dwar talba għar-remunerazzjoni dwar servizzi li huwa qed jagħti waqt li kien fuq vacational leave u issa li qiegħed fuq leave tal-irtirar.

5.21.3. Is-Sur C. Debono fl-imejl tiegħu qal li x-xogħlijiet li huwa baqa' jsegwi huma:

(a) Il-kontinwazzjoni tal-proċess relatat mas-sejħa għall-offerti dwar il-Parki u Ġonna;
(b) Il-kordinazzjoni tas-sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni ta' CCTV fid-dħul għall-Mellieħa;
(c) Tħejjija tas-sejħa dwar il-Kuntratt tas-Sinjali u t-Tabelli tat-Traffiku; u
(d) Sejħiet oħra eż: il-kiri ta' vettura *pick-up*.

5.21.4. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi mal-imejl tas-Sur Debono, huwa inkluda skeda tas-sigħat maħduma sal-aħħar ta' Jannar 2025.

5.21.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan ix-xogħol huwa parti mill-handing over li huwa għandu jagħti sat-12 ta' April 2025 peress li d-data tal-irtirar hija t-13 ta' April 2025.

5.21.6. Il-Kunsill qabel li s-Sur Debono għandu jitħallas tas-sigħat żejda li għamel sal-aħħar ta' Jannar 2025 skond l-iskeda annessa u huwa għandu jagħti hand over tax-xogħlijiet imsemmija hawn fuq sabiex il-Kunsill ikun jista' jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu fuqhom wara d-data tal-irtirar.

5.21.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef, li tgħid:

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 6 tas-27 ta' Novembru 2024, 7 tat-30 ta' Diċembru 2024, u 8 tad-29 ta' Jannar 2025, rispettivament, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, fit-22 ta' Jannar 2025, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2025, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/36)

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

## 7.1. Estimi Finanzjarji 2025 – Proġetti Kapitali (F/1/36)

7.1.1. Għal din il-parti tal-laqgħa, ingħaqad is-Sur Daniel Galea, l-accountant tal-Kunsill biex jagħti spjega dwar kif inħadmu l-estimi għas-sena 2025.

7.1.2. Is-Sur D. Galea qal li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2025 naqset peress li l-fondi li l-Kunsill kien jirċievi għat-tipping fees għaddew mill-ewwel għand il-Kunsilli Reġjjonali peress li se jkunu huma li se jħallsu għal din l-ispiża. Madanakollu huwa qal li l-Kunsill xorta irċieva l-fondi kollha għall-ġbir tal-iskart.

7.1.3. Is-Sur D. Galea qal li d-dħul li l-Kunsill se jkollu mill-allokazzjoni finanzjarja flimkien ma' income ieħor matul is-sena 2025 jammontaw għal €1,340,000. In-nefqa ta' natura rikorrenti (li titħallas mill-allokazzjoni u income ieħor) u wara li tittieħed in kunsiderazzjoni d-depreciation qawwija li l-Kunsill għandu jammontaw għal €1,440,000. Dan ifisser li l-Kunsill se jibda b'deficit ta' madwar €102,093. Is-Sur D. Galea qal li dan mhux telf imma dejn. Fil-fatt il-Kunsill xorta waħda jibqa' b'FSI b'saħtu ta' 20%.

7.1.4. Is-Sur D. Galea qal ukoll li meta nħaddmu l-estimi finanzjarji għas-sena 2025, ittieħed in konsiderazzjoni l-MOU li l-Kunsill Lokali se jiffirma mal-Cleansing and Services Department iżda ma ttieħedx in konsiderazzjoni l-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali li għadu kif ġie ffirmat peress li għad irridu nirċievu struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif il-Kunsill ser ikun affettwat b'dan il-ftehim u minn meta.

7.1.5. Fuq spiża kapitali, il-Kunsill qed jagħmel investiment b'saħtu li jammonta għal €4,000,000 meta ittieħddu in konsiderazzjoni l-proġetti kapitali kollha li l-Kunsill xtaq li jiġu nklużi fl-estimi tas-sena 2025 u reġa tenn li l-Kunsill qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha biex jagħmel dan.

7.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u rringrazzja lis-Sur D. Galea għall-ispjegazzjoni provduta.

7.1.7. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

## 8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

8.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 26 ta' Jannar 2025.

8.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn id-29 ta' Diċembru 2024 u s-26 ta' Jannar 2025.

8.1.4. Ġiet imressqa skeda ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn id-29 ta' Novembru 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024.

8.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |